**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 504/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Christian Cumbo**

**Illum 17 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Christian Cumbo**, iben Carmel Cumbo u Maria Dolores neè Debono, imwieled il-Pietà fis-16 ta' Lulju 1983 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0337283(M), talli b'diversi atti magħmulin minnu, minkejja li saru fi żminijiet differenti, jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u jkunu saru b'risoluzzjoni waħda:

Nhar it-13 ta' Ġunju 2024 għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa ta' filgħodu (05:00a.m.) u s-sitta ta' filgħodu (06:00a.m.) ġewwa St. George's Discount Store, Triq il-Kbira, Balzan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza meta ppreżenta ruħu armat u żamm taħt sekwestru persuna oħra, u bil-mezz peress li kellu wiċċu mgħotti u dan sar għad-detriment ta' Louise Micallef u/jew tan-negozju St. George's Discount Store u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Louise Micallef kontra l-volontà tagħha u dana bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex tkun mġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli nhar il-15 ta' Ġunju 2024 għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa ta' filgħodu (05:00a.m.) u s-sitta ta' filgħodu (06:00a.m.) ġewwa Mum's Mini Market, Triq Imrabat, Sliema, u/jew bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

4. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin qabel tlugħ ix-xemx, u dan għad-detriment ta' Dylan Rapinett u/jew tan-negozju Mum's Mini Market u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli nhar is-17 ta' Ġunju 2024 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00a.m.) u l-ħdax ta' filgħodu (11:00a.m.) ġewwa Gamebreaker, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

5. Għad li ma kienx l-awtur tar-reat, b'xi mod, xejentement għen jew assista lill-awtur tar-reat fl-atti li bihom ir-reat kien preparat jew ikkunsmat, liema reat kien serq ta' natura sempliċi, u cioè serq la ma jeċċedix il-valur ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u dan għad-detriment ta' Charlot Azzopardi u/jew għad-dannu tan-negozju Gamebreaker, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija fil-konfront ta' Christian Cumbo, tikkunsidrah bħala reċediv u dan ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija fil-konfront ta' Christian Cumbo, tapplika d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 15A u 532A et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Christian Cumbo għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "SG" u Dok. "SG1" a fol. 10 sa' 13 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Stephen Gulia[2], ta' Louise Micallef[3] u ta' PS2001 Janice Xuereb[4] mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Stephen Gulia markati Dok. "SG2" sa' Dok. "SG9" a fol. 22 sa' 37 tal-proċess[5], semgħet ix-xhieda ta' Philip Micallef[6], ta' Dylan Rapinett[7] u ta' Charlot Azzopardi[8] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2024 u x-xhieda ta'

[1] Fol. 9 tal-proċess.

[2] Fol. 17 sa' 21 tal-proċess.

[3] Fol. 38 sa' 44 tal-proċess.

[4] Fol. 45 sa' 47 tal-proċess.

[5] Dok. "SG3" għandu Esebit Nru. KA364/2024 a fol. 161 tal-proċess.

[6] Fol. 50 sa' 58 tal-proċess.

[7] Fol. 59 sa' 65 tal-proċess.

[8] Fol. 66 sa' 72 tal-proċess.

Sunny Sunju[9] u ta' PC205 Russell Camilleri[10] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2024, semgħet ix-xhieda ta' PS965 Maverick Camilleri[11], ta' PC823 Neil Blundell[12], ta' Mariah Spiteri[13], ta' Nicoletta Farrugia[14] u ta' Conrad Mizzi[15] mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Awwissu 2024 u rat id-dokumenti esebiti minn PS965 Maverick Camilleri markati Dok. "MC1" u Dok. "MC2" - Esebit Nru. KA364/2024 a fol. 161 tal-proċess, u minn PC823 Neil Blundell markati Dok. "NB1" sa' Dok. "NB3" a fol. 118 sa' 159 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stefania Scicluna[16], Deputat Reġistratur, ta' PC275 Andriy Nappa[17], ta' PC1078 Mario Galea[18] u ta' PC1485 Gilbert Zammit[19] mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2024 u rat il-Procès-Verbal bin-Numru 452/2024 esebit minn Stefania Scicluna a fol. 173 sa' 187 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Francesca Calleja[20], ta' l-Uffiċjali Ċivili Emerson Vella u Matthew Galea[21] u ta' Dr. Chris Spiteri[22], in rappreżentanza ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seudta ta' l-14 ta' Ottubru 2024 u rat ir-Rapport konġunt ta' l-Uffiċjali Ċivili Emerson Vella u Matthew Galea markat Dok. "MG" a fol. 196Ċ sa' 227 tal-proċess u rat id-dokument esebit minn Dr. Chris Spiteri markat Dok. "CS" a fol. 228A sa' 231 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar[23], ta' PS1266 Christian Azzopardi[24] u ta' Marie Claire Tabone[25], in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited, mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2024 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar markata Dok. "KC" a fol. 262 sa' 305 tal-proċess u d-dokument esebit minn Marie Claire Tabone markat Dok. "MCT" a fol. 310 sa' 337 tal-proċess;

Rat ir-Rapporti ta' l-Uffiċjal tal-Probation Dylan Santillo ppreżentati fit-18 ta' Novembru 2024 a fol. 243 sa' 258 tal-proċess, fis-27 ta' Novembru 2024 a fol. 338 tal-proċess u fil-11 ta' Diċembru 2024 a fol. 340 tal-proċess;

Rat ir-Rikors konġunt ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputat ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2024[26] permezz ta' liema, filwaqt li ddikjaraw illi huma jaqblu fit-termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, talbu lill-Qorti li fl-eventwalità

---

9 Fol. 107 sa' 113 tal-proċess.

10 Fol. 114 u 115 tal-proċess.

11 Fol. 117A sa' 117D tal-proċess.

12 Fol. 117E sa' 117I tal-proċess.

13 Fol. 159A u 159B tal-proċess.

14 Fol. 159C u 159D tal-proċess.

15 Fol. 159E sa' 159H tal-proċess.

16 Fol. 172 tal-proċess.

17 Fol. 188 u 189 tal-proċess.

18 Fol. 190 u 191 tal-proċess.

19 Fol. 192 u 193 tal-proċess.

20 Fol. 196 tal-proċess.

21 Fol. 196A u 196B tal-proċess.

22 Fol. 228 tal-proċess.

23 Fol. 260 u 261 tal-proċess.

24 Fol. 306 u 307 tal-proċess.

25 Fol. 308 u 309 tal-proċess.

26 Fol. 342 tal-proċess.

li l-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, tenendo kont tal-fattispecie kollha tal-każ, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu Minnha għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għal perijodu ta' sitta u għoxrin (26) xahar, oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra mandatorja konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom ħlas ta' spejjeż u li l-imputat jirrestitwixxi l-ammont misruq lill-partijiet civile u cioè l-ammont ta' €250 lil Louise Micallef, l-ammont ta' €125 lil Dylan Rapinett u l-ammont ta' €22.50 lil Charlot Azzopardi;

Rat illi in segwitu għall-preżentata tar-Rikors konġunt ta' l-Avukat Ġenerali u l-imputat, l-istess imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu ikkonfermata wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 392A(7) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, spjegatlu bi kliem ċar x'inhuma l-konsegwenzi tat-talba tiegħu ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat l-Artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli b'diversi atti magħmulin minnu, minkejja li saru fi żminijiet differenti, jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u jkunu saru b'risoluzzjoni waħda: Nhar it-13 ta' Ġunju 2024 għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa ta' filgħodu (05:00a.m.) u s-sitta ta' filgħodu (06:00a.m.) ġewwa St. George's Discount Store, Triq il-Kbira, Balzan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin: (1) Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza meta ppreżenta ruħu armat u żamm taħt sekwestru persuna oħra, u bil-mezz peress li kellu wiċċu mgħotti u dan sar għad-detriment ta' Louise Micallef u/jew tan-negozju St. George's Discount Store u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra; (2) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Louise Micallef kontra l-volontà tagħha u dana bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex tkun mġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha; (3) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; U aktar talli nhar il-15 ta' Ġunju 2024 għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa ta' filgħodu (05:00a.m.) u s-sitta ta' filgħodu (06:00a.m.) ġewwa Mum's Mini Market, Triq Imrabat, Sliema, u/jew bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin: (4) Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-ħin qabel tlugħ ix-xemx, u dan għad-detriment ta' Dylan Rapinett u/jew tan-negozju Mum's Mini Market u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra; U aktar talli nhar is-17 ta' Ġunju 2024 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00a.m.) u l-ħdax ta' filgħodu (11:00a.m.) ġewwa Gamebreaker, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin: (5) Għad li ma kienx l-

awtur tar-reat, b'xi mod, xejentement għen jew assista lill-awtur tar-reat fl-atti li bihom ir-reat kien preparat jew ikkunsmat, liema reat kien serq ta' natura sempliċi, u cioè serq la ma jeċċedix il-valur ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u dan għad-detriment ta' Charlot Azzopardi u/jew għad-dannu tan-negozju Gamebreaker, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara.

Il-Prosekuzzjoni avvanzat ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-addebitu tar-reċidiva ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-kofront tiegħu.

Permezz ta' Rikors konġunt ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputat ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2024, il-partijiet kontendenti, filwaqt li ddikjaraw illi huma jaqblu fit-termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, talbu lill-Qorti li fl-eventwalità li l-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, tenendo kont tal-fattispecie kollha tal-każ, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu Minnha għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għal perijodu ta' sitta u għoxrin (26) xahar, oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra mandatorja konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom ħlas ta' spejjeż u li l-imputat jirrestitwixxi l-ammont misruq lill-partijiet civile u cioè l-ammont ta' €250 lil Louise Micallef, l-ammont ta' €125 lil Dylan Rapinett u l-ammont ta' €22.50 lil Charlot Azzopardi.

Wara l-preżentata tar-Rikors konġunt ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputat, l-istess imputat irreġistra ammissjoni ta' ħtija għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl tal-provi kollha prodotti f'dawn il-proċeduri u fid-dawl tal-fatt li l-Qorti hi sodisfatta li s-sanzjoni mitluba mill-Avukat Ġenerali u l-imputat fir-Rikors konġunt tagħhom, hija tali li huwa leġittimu li Hija timponiha mas-sejbien ta' ħtija għar-reati li dwarhom l-imputat irreġistra ammissjoni, u dana anke fid-dawl tal-fatt li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u f'dan il-każ japplika wkoll l-Artikolu 17(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u peress li tqis li ma hemmx raġunijiet in bażi għal liema għandha tordna li l-każ odjern jitkompla ai termini ta' l-Artikolu 392A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u in oltre ma ssibx raġunijiet in bażi għal liema għandha tiċħad it-talba konġunta ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputat, il-Qorti tqis li għandha tilqa' u taċċetta l-ammissjoni ta' l-imputat.

Wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(7) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar x'inhuma l-konsegwenzi tat-talba tiegħu, a bażi ta' tali ammissjoni tqis li għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni r-Rikors konġunt ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputat ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2024.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 31, 42(d), 43, 49, 86, 87(1)(e), 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 270, 275, 277(b), 281(a), 284 u 285 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess, u anke a bażi tal-provi prodotti, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, u ai termini tat-talba ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputat kif avvanzata fir-Rikors konġunt tagħhom ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2024, tikkundanna lill-imputat għall-perijodu ta' sitta u għoxrin (26) xahar priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputat għandu jitnaqqas dak iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tas-sikkina esebita bħala Dok. "SG3" - Esebit Nru. KA 364/2024.

Peress illi tul is-smigħ tal-proċeduri rriżulta li l-imputat għandu problema serja u akuta ta' abbuż ta' droga, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perijodu ta' ħames (5) snin u taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas is-segwenti ammonti lill-persuni hawn indikati:

- Is-somma ta' €250 lil Louise Micallef;
- Is-somma ta' €125 lil Dylan Rapinett; u
- Is-somma ta' €22.50 lil Charlot Azzopardi.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-impuatat iħallas lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali:

- Is-somma ta' €262.91 rappreżentanti spejjeż inkorsi man-nomina ta' l-Uffiċjali Ċivili Emerson Vella u Matthew Galea bħala Scene of Crime Officers fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nru. 452/2024[27];
- Is-somma ta' €1,055.63 rappreżentanti spejjeż inkorsi man-nomina ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nru. 452/2024[28] -

[27] Fol. 202 tal-proċess.

[28] Fol. 304 tal-proċess.

Komplessivament ammontanti għal **€1,318.54**.

Kemm-il darba dawn l-ispejjeż ma jitħallsux mill-imputat, ir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali jkun jista' jipproċedi fil-konfront tiegħu, skond il-każ, ai termini ta' l-Artikolu 533(2) u/jew (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**